Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 236 :: JANNAR, 2016**



***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com


# XEWQAT SBIEĦ GĦAS-SENA L-ĠDIDA

*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, jixtiequ l-isbaħ xewqat għal sena ġdida mimlija hena u saħħa lill-membri kollha u l-qarrejja tal-Folju tagħna madwar id-dinja.*

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **29 ta' Jannar, 2016,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## BALLUN PINĠUT 2 – *It-tieni edizzjoni riveduta u mkabbra*

Din it-tieni edizzjoni ta' Ballun Pinġut fiha 1400 kelma u espressjoni bil-Malti marbuta mal-futbol. L-awtur tal-ktieb ifisser it-termini fihom infushom u jagħtihom f'ordni alfabetika. Il-ktieb jolqot udjenzi differenti, fost l-oħrajn dawk li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija u dawk li huma midħla fil-qasam tal-futbol. Barra minn hekk, Ballun Pinġut 2 jista' jkun ta' fejda għall-kummentaturi, ġurnalisti, kittieba u opinjonisti tal-futbol, biex ikollhom gwida aħjar f'xogħolhom u biex il-lingwaġġ tal-futbol li jintuża fuq il-mezzi tax-xandir jew fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni jkun tal-ogħla kwalità. F'din l-edizzjoni l-ġdida riveduta u mkabbra, l-awtur Keith Attard qiegħed idaħħal aktar minn 470 kelma u espressjoni ġdida marbuta mad-dinja tal-futbol. Jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet ewlenin, *online* jew minn aġenziji tal-kotba BDL u l-Amazon.

## TIFEL MIĊ-ĊINA JAPPELLA LILL-MALTIN BIEX JAPPREZZAW IL-MALTI



Hawn ħafna li jgħidulek li jafu jitkellmu l-Malti iżda ma jafux jiktbuh. Oħrajn isibuha bi tqila biex jaqrawh u oħrajn jippreferu ma jitkellmuhx u lil uliedhom ikellmuhom biss bl-Ingliż. Jeremy twieled u għex iċ-Ċina, iżda jaf jitkellem, jaqra u jitkeb il-Malti daqs il-Maltin, jekk mhux aktar ukoll. L-appell ta' Jeremy, minkejja li għad għandu 8 snin, huwa wieħed ċar ħafna: "Jekk ma tafx il-Malti sew tgħidx li int Malti ta' veru." Jeremy twieled iċ-Ċina u jgħix hemm ma' ommu u missieru, iżda sa minn meta kien żgħir, il-ġenituri tiegħu kienu jkellmuh bil-Malti. Jirrakkonta kif ommu, meta tinżel Malta, iġġiblu magħha kotba tal-grammatika u letteratura Maltija. Minkejja li jaf sewwa l-Malti, Jeremy jitkellem ukoll l-Ingliż u anke ċ-Ċiniż. Missier Jeremy jispjega li meta hu u martu telgħu ċ-Ċina għamluha ċara li lil uliedhom iridu jibqgħu jkellmuhom bil-Malti. Fil-fatt anke ħu Jeremy li għandu 16-il sena jitkellem bil-Malti sewwa ħafna. "Ma nħossnix tajjeb li nisma' ġenituri Maltin ikellmu lil uliedhom bl-Ingliż," qal missier Jeremy. "Il-lingwa tagħna għandha tkun xi ħaġa li nitkellmuha, niktbuha u naqrawha tajjeb." Dwar Jeremy qal li mhux faċli li jitgħallem il-Malti. Fl-iskola jitkellem biċ-Ċiniż u bl-Ingliż, u huwa fil-ftit ħin li jkun id-dar li jitkellem il-Malti u jistudjah jew is-Sibt jew il-Ħadd. L-intervista ma' Jeremy u missieru saret minn George Cremona u xxandret waqt il-programm T'Għomru Qasir fuq RTK. Artiklu ta' Yendrick Cioffi mis-sit http://www.newsbook.com
Biex tisma' l-awdjo agħfas fuq din il-ħolqa: http://www.newsbook.com.mt/artikli/2016/1/3/awdjo:-tifel-mic-cina-jappella-lill-maltin-biex-japprezzaw-il-malti.40260/

## KOTBA GĦAT-TFAL GĦAL ŻMIEN IL-MILIED




Il-Klabb Kotba Maltin għadhom kif ħarġu żewġ kotba għat-tfal li huma ideali bħala rigal għal żmien il-Milied. Dawn ħarġu sew separati bħala parti mis-sensiela ta' qari 'Klaklamin', kif ukoll it-tnejn flimkien b'qoxra iebsa għal dawk li fil-Milied iħobbu jagħtu kotba divertenti u ta' tagħlim tajjeb lit-tfal tagħhom.
Jiena Kamra Kerha hu rakkont ta' kif l-ambjent rurali Malti qed jinqered bil-mod il-mod. Għaldaqstant il-kitba hi għajta muġugħa favur l-art li tant ħadmu għaliha missirijietna, u li ilha tinbiegħ biċċa biċċa sakemm għad naslu li ma jibqgħalna xejn mill-ambjent naturali li tana Alla. Il-ktieb hu ddedikat "lit-tfal kollha li jħobbu lil Art Twelidhom u b'ħeġġa kbira jibżgħu għaliha." Jiena Kewkba Ċkejkna jibda b'deskrizzjoni poetika tal-bidu tad-dinja u kif l-aktar kewkba żgħira u umli intgħażlet mill-Ħallieq biex tħabbar l-akbar ġrajja fil-kultura tagħna, it-twelid ta' Ġesù Bambin. Mill-ġrajja qalila tal-Ġenesi r-rakkont jgħaddi għat-twelid ta' tarbija f'għar fqajjar mnejn faqqset Fidi ġdida. Il-ktieb huwa ddedikat "lit-tfal kollha li jħobbu l-Milied, b'Ġesù fil-qalba tiegħu." Iż-żewġ kotba huma miktubin minn Victor Fenech fi proża mexxejja li sikwit taqleb f'poeżija ħafifa, waqt li l-illustrazzjonijiet f'kull paġna jixhdu s-sbuħija enormi fl-istil li drajna nassoċjaw ma' Marisa Attard. Min jixtrihom ma jiddispjaċihx żgur.

# **THE MISFIT** — ***A modern novel by Oliver Friggieri*** *(translated by Charles Briffa)*




This novel gives a taste of Maltese literature through translation, and at the same time it promotes Oliver Friggieri as a contemporary writer interested in humanity. In Maltese, the novel (set entirely in Malta) was published as L-Istramb, which is translated as The Misfit.

A young man (Baruch) on a small island (Malta) finds life very difficult. His relationship with his parents is cold and detached, and he is often seen in a state of dejection and solitude even when he is out of his home environment. He finds momentary satisfaction in his unusual attraction for a young university professor. When the latter dies suddenly, Baruch decides to leave university and enter a more secluded life at the seminary. Here, routine and discipline add to his loneliness and depression, but he manages to form a clandestine friendship with another seminarist. This too is short-lived because the redoubtable rector is soon breathing down their necks. Baruch runs away from the seminary to find a girl he could love. Oppressed by solitude he meets a prostitute and shares some beautiful moments with her. He fails, however, to see the commercial side of this affair and is left disappointed as she denies him "real" love. He returns home and …

In his fiction, Friggieri discusses the characters' potentials and incisive realities to present a contemporary aspect of human nature. So in this novel, Baruch steps out of the cemetery into a psychological desert that increases his ennui. He is launched in this psychological desert and becomes more depressed with every new experience he attempts. He finds himself being a misfit wherever he goes so that his decisions define him as the embodiment of human oddity as he feels that there is nothing he can do about his life, and so he wants to proceed into oblivion.

The Misfit contains an internal perspective which shows that the story concentrates on the character through whose consciousness the narrative is presented.

The author: Oliver Friggieri – novelist, poet, and literary critic – is Professor of Maltese Literature at the University of Malta. He has published extensively and he is the foremost Maltese literary critic and a national author. In his creative writing he attempts to interpret the sentiments and attitudes of a people living in the Central Mediterranean. Through the medium of literature Friggieri assumes the role of the conscience of a nation. He proclaims its traditional positive elements in his longer poetic works, but exposes its present negative qualities in his fiction His prose is not a weapon for war but a cry for justice and honesty. It is simple enough to retain the common readers' attention and intriguing enough to involve their thinking. In Charles Briffa's The Essential Oliver Friggieri: National Author of Malta (Malta University Publishing, 2012) one can find a detailed exposition of his literary achievements.

His literary publications in Maltese (some of which have been translated into English) include:

- Il-Gidba, 1977, The Lie (novel)
- L-Istramb, 1980, The Misfit (novel)
- Pawlu ta' Malta, 1985, Paul of Malta (oratorio)
- Stejjer għal Qabel Jidlam, 1986, Koranta and Other Short Stories from Malta (short stories)
- Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri, 1986, Flowers Don't Grow in Parliament (novel)
- L-Għanja ta' Malta, 1989, The Song of Malta (poetry)
- Rewwixta, 1990, Rebellion (poetic drama)
- Fil-Gżira Taparsi Jikbru l-Fjuri, 1991, On the Island of Taparsi Flowers Bloom (short stories)
- Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ, 1998, Jasmine Blossoms for all Time (novel)
- Il-Poeżiji Miġbura, 2002, The Collected Poems
- Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija, 2011, This is Malta's Heartbeat (a trilogy of novels)

The translator: Charles Briffa is Professor of Maltese Literature and Translation Studies at the University of Malta. He has translated several literary works and his publications include a wide range of studies in the fields of language, translation, and literature in both Maltese and English.

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# ESPERJENZA UNIKA, *LOVE*




Il-'Horizons' għadhom kemm ippubblikaw l-ewwel rumanz bil-Malti ta' Jacqueline Mizzi, bl-isem ta' 'Esperjenza Unika, *Love*', immirat l-aktar għal adolexxenti 'l fuq minn 14-il sena.

'Esperjenza Unika, *Love*' huwa tabilħaqq rumanz li jappella għaż-żgħażagħ mhux biss għall-plott u l-kontenut tiegħu, iżda wkoll għall-mod frisk u modern ta' kif inhu miktub u mqassam. Mhuwiex rumanz konvenzjonali ta' kitba narrattiva b'paragrafi li jsegwu u ma jaqtgħu xejn. Minkejja li n-nisġa tar-rakkont ma tonqosx, fir-rumanz, il-qarrejja se jiltaqgħu wkoll ma' messaġġi bil-mowbajl li l-protagonisti jirċievu u jibagħtu lil xulxin, chats onlajn fuq Facebook u messaġġi fuq Ask.Fm. Se jkunu jistgħu wkoll jaqraw il-ħsibijiet intimi u poeżiji li Elisa, waħda mill-protagonisti, tikteb fuq id-djarju tagħha.

Iżda element interessanti li fih dan ir-rumanz hu l-fatt li l-qarrejja se jkollhom l-opportunità li jaqraw xi jkun għaddej minn moħħ l-erba' protagonisti: Elisa, Marco, Ruth u Robert, li għandhom bejn l-14 u s-16-il sena. 'Il bogħod minn dak li l-protagonisti jagħżlu li jirrakkuntaw u juru lil xulxin dwar dak li jkunu qed jaħsbu, iħossu u jesperjenzaw, il-qarrejja se jkollhom iċ-ċans jidħlu fil-ħsibijiet u l-emozzjonijiet l-aktar profondi tal-protagonisti f'dan ir-rumanz. B'dan il-mod, il-qarrejja se jidentifikaw ruħhom iktar, u saħansitra jkunu jistgħu jifhmu aħjar lil dawn l-erba' żgħażagħ, li minkejja li lkoll jinsabu fl-istess kuntest - villeġġjatura fis-sajf - ilkoll iġorru bagalja ta' esperjenzi personali u emozzjonijiet kuntrastanti, li xi drabi, bla ma jintebħu, ikunu wkoll simili. L-emozzjonijiet ormonali, imqanqla mill-età tal-adolexxenza u r-relazzjonijiet soċjali, huma kruċjali fil-ħajja taż-żgħażagħ, u bl-istess mod huma wkoll il-qofol f'dan ir-rumanz.

Kull sajf kien jibda dejjem bl-istess mod. Elisa tistħi minn Robert u Marco, Marco jistħi minn Elisa u Ruth. Ruth tistħi minn Marco, u Robert jistħi minn Elisa. Madanakollu, dan is-sajf se jikkumplika ruħu mhux biss minħabba l-ġibdiet sesswali li l-protagonisti jibdew jesperjenzaw, iżda wkoll għax f'nofs is-sajf il-grupp jiltaqa' ma' Sabrina; karattru li se jaqleb il-ħajja tal-protagonisti ta' taħt fuq. Sabrina; tfajla li se tqanqal bosta emozzjonijiet, mistoqsijiet, dubji u ħsibijiet mhux biss fil-protagonisti ta' dan ir-rumanz iżda anki fil-qarrejja.

# KLABB KOTBA MALTIN




Il-Klabb Kotba Maltin hu kburi li għal sena oħra kien protagonist fix-xena letterarja ta' Malta. Awguri lil Maria Grech Ganado u Immanuel Mifsud għar-rebħ tal-premju fil-kategoriji tal-poeżija u r-rumanz rispettivament. Grazzi kbira lil dawk kollha, awturi, qarrejja tal-provi, disinjaturi, u stampaturi li ħadmu magħna minn wara l-kwinti biex inwasslu dawn il-kotba lill-pubbliku Malti.

# IŻ-ŻEJT F'QIEGĦ L-ILMA — *ktieb ġdid bil-Malti ta' Martin Bugelli*




"Iż-Żejt f'qiegħ l-Ilma" hu rumanz pubblikat minn Kite Group u mitkub minn Martin Bugelli. L-istorja f'dan ir-rumanz ġrat fi sfond ta' ġrajjiet storiċi li seħħew u li effettwaw l-istorja tal-gżejjer Maltin. Bugelli jżewweġ il-fattwali mal-fittizju fi storja ta' tfajla, Doris, li trabbiet f'kunvent tas-sorijiet u li ħajjitha nbidlet mil-lejl għan-nhar f'lejla kiesħa, nhar il-festa tad-Duluri, f'April tal-1971.

Dan il-ktieb jirrakkonta l-ħajja ta' din il-mara twajba sa minn twelida u kif din spiss ħabbtet wiċċha ma' traġedji personali. L-istorja tiżviluppa b'mod mexxej u bi bdil fiċ-ċirkostanzi li jagħtu laqtiet mhux mistennija lir-rakkont.

L-intriċċi li jiġu skoperti u dawk li jibqgħu mistura jżommu lill-qarrej dejjem fuq ix-xwiek għal dak li jmiss iseħħ. Aktar informazzjoni dwar ir-rumanz u kotba oħra pubblikati minn Kite Group tista' tinkiseb minn fuq www.kitegroup.com.mt jew info@kitegroup.com.mt

# PROĊESS MIFTUĦ U DEMOKRATIKU DWAR L-ILSIEN MALTI

## *It-tieni stqarrija tal-istituzzjonijiet u l-għaqdiet tal-Malti*

Il-Ministru tal-Edukazzjoni (stqarrija tal-4 ta' Diċ.) ried iserrħilna rasna li ħoloq kumitat biex isaħħaħ il-Liġi tal-Ilsien Malti iżda ma spjegax għaliex dan għamlu minn wara dahar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, entità awtonoma mwaqqfa mill-Parlament Malti b'unanimità. Lanqas ma spjega għaliex dan għamlu wara li l-mitejn ruħ li ħadu sehem fil-Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti sejħu għal direzzjoni li titlob eżattament bil-maqlub ta' dak li jrid jagħmel il-Ministru.

Dan wara li fis-sajf il-Ministru fetaħ konsultazzjoni pubblika b'dokument għad-diskussjoni mimli żbalji u inkoerenzi. Dan għamlu, għal darb'oħra, minn wara dahar il-Kunsill tal-Malti li jaqa' taħt il-Ministeru tiegħu stess.

Fil-Forum Nazzjonali tas-7 ta' Novembru li sar b'inizjattiva tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-proposti li ngħataw minn firxa wiesgħa ħafna ta' nies f'diskussjoni miftuħa u demokratika kienu l-oppost ta' dak li ħabbar il-Ministru ftit minuti wara fi tmiem l-istess forum.

Id-diskussjoni fil-Forum dwar "Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: Ilbieraħ, Illum u Għada" tmexxiet minn Dr Carmen Sammut u r-rapport uffiċjali dwarha sar minn Dr Mario Thomas Vassallo. Aħna nistennew li l-Ministeru jimxi fuq il-proposti li ħarġu minn din id-diskussjoni u xejn iżjed. Il-Forum irrikonoxxa l-ħidma "tassew impressjonanti" tal-Kunsill fl-ewwel għaxar snin, ħidma "mifruxa f'diversi oqsma u ħolqot kuntatt ma' diversi setturi tal-politika, l-ekonomija u s-soċjetà," iżda qal li l-Kunsill irid juri iżjed lill-pubbliku x-xogħol li qed jagħmel.

Il-Forum Nazzjonali insista li "l-Kunsill tal-Malti għandu jibqa' kunsill regolatorju fejn wara proċessi ta' konsultazzjoni wiesgħa jieħu d-deċiżjonijiet li jkunu jorbtu b'liġi." Qal ukoll li "l-formazzjoni tal-membri tal-Kunsill għandha tibqa' awtonoma u ħielsa mill-indħil politiku." Dawn għalina huma stqarrijiet fundamentali.

***(ikompli paġna 4)***

Il-Forum wasal għal numru ta' konklużjonijiet importanti oħrajn:

1. Il-liġi tistipula t-twaqqif taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Malti. Peress li dan għadu ma sarx, għandha tingħata importanza biex isir progress f'dan il-qasam.
2. Għandu jsir sforz mill-ġdid biex fil-Kunsill jitwaqqaf sottokumitat għall-bżonnijiet tal-Maltin li jgħixu barra.
3. Għandhom jissaħħu l-isforzi biex jintlaħqu l-barranin f'pajjiżna biex jitgħallmu l-Malti. Dan għandu jkun pern kruċjali fil-politika ta' integrazzjoni li qiegħda titfassal.
4. Il-konsultazzjoni tal-Kunsill mal-istituzzjonijiet Ewropej għandha ssir b'mod kostanti ma' kull istituzzjoni u mhux biss mal-Kummissjoni Ewropea.

Aħna bħala istituzzjonijiet u għaqdiet li naħdmu fuq l-iżvilupp tal-Malti bħala lingwa moderna nistennew li l-Ministru tal-Edukazzjoni jirrispetta l-proċess miftuħ u demokratiku li nieda hu stess flimkien mal-Kunsill tal-Malti skont kif titlob il-liġi u jimxi mal-konklużjonijiet tal-Forum Nazzjonali.

Aħna m'għandna ebda fiduċja fid-deċiżjoni tiegħu li jwaqqaf kumitat ta' erbgħa minn nies magħżulin minnu. Għandna fiduċja fil-proċess miftuħ u demokratiku tal-Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti u li fih ħadu sehem 200 ruħ li ddiskutew il-preżent u l-futur tal-Malti fil-miftuħ.

## VESPRI — *ġabra ta' novelli ta' Trevor Żahra*




Vespri, il-ġabra l-ġdida ta' novelli ta' Trevor Żahra, tiġbor fiha 37 novella li jpinġu kwadru uniku ta' karattri u sitwazzjonijiet mill-ħajja ta' kuljum, b'laqtiet ta' temi differenti fosthom sess, mużika u mewt. Kull wieħed mill-karattri jieħu l-ħajja hekk kif Żahra joħloqlu rakkont minn xi dettall, kurżità, osservazzjoni jew partikolarità tiegħu.

Vespri tnieda f'Novembru quddiem udjenza rekord ġewwa l-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta, u huwa x'aktarx l-iżjed xogħol intens ta' Żahra.

Vespri jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba kollha jew online direttament minn http://www.merlinpublishers.com/book_search_mlt.php?textfield=Vespri%20(pbk)

## Charles Coleiro jingħata l-Midalja f'Ġieħ ir-Repubblika

Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija jixtieq jifraħ lis-Sur Charles Coleiro fl-okkażjoni li fiha ingħata l-Midalja f'Ġieħ ir-Repubblika. Jekk nirċievu aktar tagħrif jidher f'ħarġa oħra.

*Ritratt: DOI - Omar Camilleri*



## *Messaġġ mill-ħabib tagħna, Enzo Gusman minn Malta...*




## MALTESE LANGUAGE CLASSES

Just letting you know that the MLTAV (Maltese Language Teachers' Association) is now taking enrolments for VCE Maltese 2016. The course is open to adults and will run on Monday nights in Sydenham. Places are limited so if you are interested please email: learnmaltesevic@gmail.com

Please note that enrolments close on Jan 25th.

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi.**

**Grazzi u napprezza ħafna.**